DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR150932** **30. 04. 2015**

**DISKORS MILL-PRESIDENT MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA WAQT ĊENA STATALI AD UNUR IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA JOACHIM GUACK U S-SINJURA DANIELA SCHADT – IL-PALAZZ, IL-BELT VALLETTA, 29.04.15**

Eċċellenza,
Sinjura Schadt,
Onorevoli Prim Ministru, Sinjura Muscat,
Mistednin Distinti,

Inħossni onorata li qed nilqgħek, Sur President, hawn f'dan il-Palazz storiku, waqt iż-żjara tiegħek f'Malta.

F'isem il-poplu Malti, nagħtik merħba, u nawgura lilek, lis-Sinjura Daniela Schadt u lid-delegazzjoni tiegħek, żjara f'pajjiżi, li tibqgħu tiftakruha.

Però illum nistqarr, li minkejja li din iż-żjara tiegħek hija ġrajja ta' ferħ għalina l-Maltin, xorta waħda, anke f'dan il-mument, ma nistax inneħħi minn quddiem għajnejja dak li qed iseħħ madwarna. Illum il-baħar sabiħ tal-Mediterran sar ċimiterju għal eluf ta' persuni u familji bit-tfal, li fittxew il-paċi u l-imħabba f'ħajjithom, iżda minflok spiċċaw katavri f'qiegħ ta' baħar.

Nieħu l-opportunità biex insellem u nagħti rispett lil Immigrant mhux Magħruf (Unknown Migrant), li spiċċa mhux biss bla ħajja, iżda wkoll bla identità.

Il-ħajja ta' kull persuna għandha valur, u għalhekk, ma nistgħux nibqgħu siekta, jew spettaturi biss, fejn jidħlu l-persekuzzjoni, l-inġustizzji u l-inugwaljanzi, li qed iseħħu quddiem għajnejna.

Nistqarr mingħajr tlaqliq li l-Ewropa u l-komunità internazzjonali, jinħtieġ li jagħmlu ħafna aktar biex jassiguraw li nies li qed jaħarbu l-gwerer u l-persekuzzjoni ma jitilfux ħajjithom.

Sfortunatament dak li qed iseħħ lill-immigranti fuq il-baħar, hija biss parti mit-tbatija li jgħaddu minnha dawn in-nies li qed jaħarbu l-gwerer, il-konflitti, il-persekuzzjoni u l-faqar assolut, għaliex, ma nafu xejn, dwar dak li qed iseħħ tul il-vjaġġ tagħhom fuq l-art, fid-deżert u fil-pajjiżi li jgħaddu minnhom.

Jien konvinta, li s-sitwazzjoni trid tkun tassew ħażina, biex in-nies iħallu kollox warajhom u jibdew vjaġġ li ma jafux jekk iwassalhomx għal ħajja denja jew għal mewt.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Bħala ġenitur, jien konvinta, li trid tkun sitwazzjoni tassew iddisprata, biex twassal lil ġenituri fl-Afrika, li jibagħtu lill-uliedhom taħt l-età, waħedhom, biex forsi jittantaw isibu ħajja aħjar, 'il bogħod minn kull ma hu għażiż għalihom.

Nistqarr li d-deċiżjonijiet li l-Ewropa ħadet fl-aħħar jiem, biex tindirizza din l-istraġi u ħerba fil-ħajja ta' mijiet ta' eluf ta' persuni u familji bit-tfal, huma ftit wisq biex iħallu l-effett mixtieq.

Wasal iż-żmien li ma nibqgħux ċassi, iżda jinħtieġ li naġixxu b'mod ferm aktar effettiv, meta fin-nofs hemm id-dritt għall-ħajja, jekk verament ma rridux nitilfu aktar ħajjiet umani.

Kif għidt int stess, Eċċellenza, meta indirizzajt lill-Korp Diplomatiku fil-bidu ta' din is-sena, ma nistgħux ma nagħmlu xejn meta jinkisru d-drittijiet tal-bniedem.

Meta l-Ewropa ddeċidiet li l-aktar miżura effettiva, hija li nkissru n-*networks* kriminali li qed iwasslu għal traġedji bħalma rajna l-ġimgħa l-oħra, l-Ewropa qed tmiss biss il-quċċata tal-problema; u mhux l-għeruq tal-problema.

Min-naħa l-oħra, nemmen li hemm bżonn li mhux l-Unjoni Ewropea biss, iżda d-dinja kollha, għandha tingħaqad flimkien, biex tindirizza l-eżodu ta' popli sħaħ minn pajjiżhom.

Jinħtieġ li l-Unjoni Ewropea u l-komunità internazzjonali tingħaqad biex tfassal politika olistika għall-immigrazzjoni, biex nassiguraw li kull bniedem ikollu l-opportunità li jgħix b'mod diċenti u denju.

Min-naħa l-oħra l-ħidma għall-paċi u l-istabbiltà, huma kruċjali biex nindirizzaw ħafna minn din il-problema tal-immigrazzjoni u refuġjati.

Id-dinja qed tbaqbaq bl-inkwiet u l-konflitti. Mill-Ukrajna għal Gaża, għas-Sirja, għall-Iraq, għal-Libja, u aktar 'l isfel il-Yemen u n-Niġerja, biex insemmi ftit mill-konflitti serji madwarna.

Nemmen li f'ħafna mill-każijiet, trid tkun id-diplomazija u l-persważjoni permezz ta' djalogu kontinwu u mhux sporadiku, jew waqt il-kriżi, jekk tassew irridu ngħixu fil-paċi u fl-istabbiltà.

Jekk ma nitkellmux bejnietna m'aħniex se nifhmu, ngħarrfu u nirrispettaw il-potenzjal ta' xulxin. Jinħtieġ li noħolqu l-mekkaniżmi effettivi biex mill-politiċi sa lanqas ċittadin, japprezza l-kulturi u r-reliġjonijiet ta' xulxin u ngħarrfu li fid-diversità hemm l-opportunità, u mhux il-gwerra u l-konflitt.

B'hekk biss jista' jkollna tama li se nnaqqsu t-tbatija ta' miljuni ta' nies, u nsalvaw il-ħajja u nassiguraw li l-kontinent Afrikan u pajjiżi oħra fil-Lvant Nofsani ma jiżvojtawx mill-potenzjal uman tagħhom.

Eċċellenza, Malta hija vvokata għad-djalogu bejn il-ġnus, hija ddedikata għall-paċi. Kemm tkun xi ħaġa sabiħa li kieku, il-Ġermanja fil-qalba tal-Ewropa u Malta fil-qalba tal-Mediterran, naħdmu flimkien biex ngħaqqdu u nnisslu d-djalogu bejnietna bħala Ewropej, iżda wkoll mal-popli l-oħra tal-Afrika u lil hinn minnha.

Pajjiżi, fil-pożizzjoni ġeostrateġika tiegħu, jinsab f'salib it-toroq taċ-ċiviltajiet u kulturi. Jien noħlom tassew li narah ċentru effettiv għall-paċi, fejn noħolqu spazji siguri fejn il-mexxejja u ċ-ċittadini tagħhom jistgħu jiltaqgħu u jitkellmu biex jagħrfu jirrispettaw aktar lil xulxin. Kemm nixtieq li nsibu l-għajnuna ta' pajjiżek, il-Ġermanja, biex flimkien nibnu dan il-*hub* ta' serħan il-moħħ, armonija u paċi għall-ġnus, fejn inkunu nistgħu, mingħajr biża', nevalwaw sewwa l-politika ta' għarfien għad-diversità u l-inklużjoni soċjali.

Jien insostni li hija biss l-għaqda ta' kull min jemmen fil-valuri tad-demokrazija, fil-libertà u d-dinjità tal-bniedem, li nistgħu negħlbu l-akbar theddida għas-sigurtà tal-popli tagħna llum.

Fuq nota oħra, nixtieq insemmi dak li laqatni dan l-aħħar fir-rigward tal-bosta aspetti fir-relazzjonijiet bilaterali tajbin li għandna bejnietna. Nieħu din l-opportunità biex nuri l-apprezzament għall-interess tal-*policymakers* Maltin, fis-sistema edukattiva ta' apprentistat u taħriġ vokazzjonali li llum qed toffri l-Ġermanja.

Nawgura li din is-sistema tiġi żviluppata hawn Malta wkoll, għall-ġid ta' żgħażagħ li jeħtieġ ikomplu l-istudji tagħhom.

B'sistema inklussiva bħal din, inkunu qed niżguraw l-inklużjoni soċjali, kif ukoll ħajja denja u futur isbaħ, għal kull żagħżugħ u żagħżugħa li jgħixu f'Malta, kemm Maltin kif ukoll dawk iż-żgħażagħ li ġew Malta biex ifittxu ħajja aħjar.

Eċċellenza, irrid niżżik ħajr tal-istedina li għamilt lill-Presidenza, biex nipparteċipaw fil-Bürgerfest f'Berlin f'Settembru li ġej.

Il-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà se tirrappreżenta lill-Presidenza Maltija waqt din il-festa tal-poplu, bil-għan li l-popli tagħna jsiru jafu aktar dwar xulxin, u jersqu aktar qrib xulxin.

Hawnhekk irid nenfasizza l-vokazzjoni tagħna t-tnejn, li naħdmu favur l-inklużjoni soċjali u l-għarfien tad-diversità.

Sa mill-bidu tal-Presidenza tiegħi, waqqaft il-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà bl-għan li toħloq spazju sigur għal djalogu bejn nies minn kulturi, twemmin jew abbilitajiet differenti, biex insaħħu l-għaqda bejn il-komunitajiet li jgħixu f'pajjiżi.

Nixtieq li nibnu koperazzjoni bejnietna biex inkomplu nsaħħu l-ħidma favur l-inklużjoni soċjali, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, it-tolleranza, u l-ġustizzja soċjali.

Eċċellenza, nawgura li l-ħbiberija taż-żewġ popli tagħna, tkompli titkattar, sabiex ikun hemm għaqda bejnietna, kif nawgura li jkun hemm bejn l-Istati Membri kollha fl-Unjoni Ewropea.

Inħossni ħerqana għal-laqgħa tagħna f'Settembru, fil-Grupp Arraiolos fejn jien konvinta li, permezz ta' din l-ewwel parteċipazzjoni tal-Presidenza Maltija, se nkomplu nibnu biex insaħħu l-valuri tagħna, għall-ġid tal-popli Ewropej.

Fl-aħħar nett, nistieden lil kulħadd, biex nixorbu bis-saħħa tal-Eċċellenza Tiegħu, il-President Gauck u s-Sinjura Schadt, tal-poplu tal-Ġermanja u ta' Malta u l-ħbiberija bejn iż-żewġ pajjiżi tagħna.